# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 11*

***5.30p.m 8 t'April 2020***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Assenti*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online permezz tal-messanger.

## *11.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

11.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *11.2 Approvazzjoni tal-Minuti u l-Iskeda tal-Pagamenti*

11.2.1 Il-Membri preżenti approvaw l-minuti numru 10 online u permezz ta' email kif ippreżentati. L-iskeda tal-pagamenti numru 4 2020 wkoll ġew approvati kif ppreżentati online u permezz ta' email. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

11.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsilliera sabiex jibdew bl-interventi tagħhom qabel mall-laqgħa tiġi sospiża minħaba li fi ftit ħin ieħor ser ikun qed jingħaqad mall-Kunsill il-Ministru tal-Intern l-Hon. Byron Camilleri.

## *11.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

11.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li kif diġa' nforma lis-Sindku jixtieq jipproponi li l-ġonna u l-postijiet pubbliċi jingħalqu permezz ta' barriers u nota fuqhom. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jaqbel ma din l-ideja pero' jemmen li tkun diffiċli biex il-Pulizija tagħmel enforcement fuq dawn il-postijiet. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono issuġġerixxa li minflok isiru barriers ma kullimkien isir tape għaliex ikun iktar faċli hekk tagħlaq dawn il-postijiet pubbliċi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel li nistgħu mmexxu hekk.

Il-laqgħa ġiet sospiża sabiex jidħol fil-laqgħa l-Ministru Byron Camilleri.

11.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li l-passaġġ tal-Ġnien għal-Diċembru Tlettax qed isir hotspot għal diversi llegalitajiet. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan huwa minnu u ser ikun qed jinforma lill-Ispettur dwar dan.

11.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa jekk il-Kunsill ħax azzjoni dwar il-parking illegali li hemm Marsa Road fejn il-klub tal-Ħammiem. Huwa talab wkoll informazzjoni dwar it-twaħħil ta' kameras fejn il-klub tar-regatta. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill talab biex il-

Pulizija jintervjeni f'dan il-parking illegali, iżda ser inkunu ser nerġaw nressqu l-każ. Fejn il-klub tar-regatta l-kamera hija mwaħħla madankollu għad hemm bżonn l-internet u li jitwaħħlu t-tabelli kif titlob il-liġi.

11.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa jekk hemm informazzjoni dwar ħaddiema li għandhom jiġu' l-Kunsill temporanjament. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal għadhom iridu jkellmuna l-union.

11.4.5. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa dwar kemm ser ikun hemm kameras fejn tar-regatta. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li apparti dik li ser ikun hemm min naħa tal-Kunsill ser jitweħħlu tnejn mill-Cleansing, hekk kif dan ġie kkonfermat lilu. Apparti hekk hemm żewġ kameras oħra f'GF Abela li huma mwaħħlin fuq il-bini ta' Formosa, u li bihom issa l-pjazza kollha hija mgħassa.

11.4.6. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ressaq proposta dwar l-istazzjoni Trinitarji FM, li kien l-uniku radju tal-kommunita' Marsija. Madankollu, dan l-istazzjonu ġarrab ħsarat min sajjetta u biex dan jiġi rranġat hemm bżonn xi spiża ta' €5,000. Huwa jixtieq jekk il-Kunsill jagħmel komunikat mad-dirigenti tal-istazzjon sabiex jintlaħaq qbil biex dan l-istazzjon jerġa' jibda jiffunzjona. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-ewwel hemm bżonn li l-Kunsill jara l-legalita' ta' ftehim bħal dan u t-tema' tkun tista' terġa' tiġi diskussa.

## *11.5 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

11.5.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-NGO Kopin qed tressaq talba ta' kunsill fl-Ungerija li qed tagħmel talba lil dawk il-Kunsilli fl-Ewropa li huma lesti jgħinuha minħabba l-imxija tal-Coronavirus hekk kif qed jesperjenzaw nuqqas kbir ta' provvisti bħal maskri, sanitizers u ingwanti. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-Kunsill ser iressaq it-talba ta' din il-lokalita' Ungeriza għall-attenzjoni ta' kumpaniji privati fil-lokalita' sabiex jekk ikunu jistgħu jgħinuhom jagħmlu dan. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwat li l-vot favur kien unanimu.

## *11.6 Update fuq Ġnien Belveder u d-Dar tal-Anzjani*

11.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab il-Perit Dieter Falzon sabiex jagħti d-dettalji u spjegazzjoni tal-pjanti li ġew iċċirkolati lill-Kunsilliera fil-jumejn li għaddew. Il-Perit qal li fortunatament l-post indikat mill-Kunsill Lokali tal-Marsa sabiex jinbena' Dar tal-Anzjani huwa l-istess post li huwa indikat fil-lokal plan tal-Planning Authority u dan huwa vantaġġ kbir hekk kif iċ-ċans li jingħataw il-permessi huwa wieħed sostanzjali. Il-Perit spjega li man-naħa ta' Triq Zerafa il-faċċata tal-bini ser ikun wieħed tradizzjonali li fih jinkludi gallerriji tal-injam sabiex ikun jaqbel mall-estetika tal-post. Madankollu, fuq in-naħa ta' wara ta' din id-dar il-faċċata tal-bini ser ikun wieħed ferm modern bil-ħġieġ sabiex il-kmamar ikunu imdawwlin. Il-post ser ikollu wkoll underground parking kif titlob il-liġi mill-Planning Authority u b'kollox il-post ser ikun mibni fuq medda ta' 1,400m kwadru. Wara diskussjoni fost il-membri preżenti, ġie miftiehem li l-Kunsill għandhu jibda l-proċess t'applikazzjoni għall-permessi meħtieġa. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu

11.6.2 Waqt l-ispjega tal-Perit qamu xi punti fost dawk preżenti bħal jekk l-aċċess min Triq Zerafa għall-Ġnien hux ser jintilef, jew jekk jistgħax jiżdied il-parkeġġ taħt l-art u li wara dan jissaqqaf u l-Ġnien ikun fuqu. Bħala konkluzjoni ġie maqbul li d-diskussjoni fuq dan il-proġett fadallu ħafna u allura s'issa ġie miftiehem li hemm qbil unanimu dwar il-kunċett ta' dan il-proġett. Il-Perit talab lill-dawk preżenti sabiex jekk ikollhom xi mistoqsijiet ulterjuri jressquhomlu.

11.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li għaldaqstant il-proġett tal-Ġnien li diġa' ġie miftiehem fl-imgħoddi xorta waħda jista' jsir imma mhux bl-istess ammont ta' flus li kienu ser jintefqu fil-ftehim oriġinali. Dan hekk kif ma jkunx jagħmel sens li tonfoq ħafna flus fit-tisbieħ tal-Ġnien meta dan irid jerġa jinkiser kollu għall-proġett tad-dar tal-anzjani. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

11.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ġie mitlub mill-Kunsillier is-Sur Colin Pace Triq Diċembru Tlettax. Filwaqt li ġie żgurat fost dawk preżenti li dawn ix-xogħolijiet mhumiex ser ikunu fl-akwata tal-proġett tad-dar tal-anzjani xorta waħda ġie miftiehem li l-Kunsill ser ikun qed jikkommunika ma Infrastructure Malta sabiex jiġu' mgħarrfa bil-proġett. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *11.7 Bord t'Evalwazzjoni indipendenti għat-tender tal-knis*

11.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkutiv jagħti spjega tar-raġuni li hemm bżonn li jinħoloq bord indipendenti sabiex jiġi evalwat it-tender tal-knis. Peress li t-tender huwa ta' portata finanzjarja sostanzjali u peress li dan huwa tender bil-best price quality ratio huwa importanti ferm li tender bħal dan ikollu bord ta' professjonisti u ta' persuni li għandhom esperjenza fuq tenders bħal dawn. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *11.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

11.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.05pm u ġiet aġġornata għat-21 t'April fis-3.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv